Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Lulju 2021**
**(OR. en)**

**10038/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0147(NLE)**

**WTO 162**
**COASI 96**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 10037/21 + ADD 1 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit bil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ<br>- Adozzjoni |

1. Fil-21 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq (dok. 10037/21 + ADD 1).

2. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie kkonsultat bil-miktub dwar dan it-test u approvah kif modifikat biex jittieħed kont ta' xi aġġustamenti meħtieġa.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden biex:

   - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 10039/21 u 10040/21;

– jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ UE-Vjetnam, kif tinsab fid-dokument 10040/21, ladarba adottata;

- jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf skont l-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament; u

- jiddeċiedi li jdaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum għal din in-nota.